**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat**
**Dr. Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 109/2018 RM**

**ZP Services Limited (C-55308)**

**Vs**

**Stefano Ribera**

**Illum, 16 ta' Jannar 2019**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta` attrici ZP Services Limitedipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-4 ta' Mejju 2018, fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna l-konvenut ihallas s-socjeta' attrici s-somma ta' hamest t'elef u mitejn ewro (€5,200) rapprezentanti nofs il-paga kollha li kien ikollu jedd ghalih li kieku hu baqa' fl-impjieg ghall-bqija taz-zmien, hekk espressament miftiehem fil-kuntratt li hu ffirma mas-socjeta' attrici fit-3 ta' Awwissu 2016. Dan peress illi minkejja li l-kuntratt ta' impjieg suriferit ghadu ma skadiex, hu fl-14 ta' Lulju 2017, minn jeddu u bla ebda raguni valida u tajba skond il-ligi ttermina l-impjieg tieghu qabel iz-zmien u dan bi ksur ta' klawsola 2.1 tal-istess kuntratt li tistipula li tali mpjieg kien ghal zmien definit ta' sentejn (2). (Dok A);

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-30 ta' Novembru 2017 u tal-20 ta' Dicembru 2017 kif ukoll ittra ufficjali sad-9 ta' Marzu 2018, u bl-imghaxijiet ulterjuri dekorribbli mit-30 ta' Novembru 2017 sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut, li minn issa hu ngunt ghas-subizzjoni skont il-ligi.

Rat illi l-konvenut, debitament notifikat skont kif jirrizulta mir-referta li tinsab a fol. 27 *tergo*, naqas milli jipprezenta risposta ghat-talbiet tas-socjeta` attrici u naqas ukoll milli jidher personalment (jew tramite rapprezentant legali) ghas-smigh tal-kawza biex jikkontesta t-talbiet attrici.

Rat illi fis-seduta tat-12 ta' Dicembru 2018 l-avukat difensur tas-socjeta` attrici ipprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut.

Rat illi fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2019, il-konvenut wara li gie msejjah diversi drabi, naqas li jidher biex iwiegeb ghall-kapitoli ghas-subizzjoni tieghu;

Rat illi waqt l-istess seduta, is-socjeta` attrici ddikjarat li ma ghandiex iktar provi u awtorizzat lill-Qorti biex tghaddi ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2019, il-konvenut wara li gie msejjah diversi drabi, naqas li jidher ghas-subizzjoni u ghalhekk b'applikazzjoni tal-Artikolu 702(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, il-kapitolu jitqies li gie debitament mistqarr u accettat mill-konvenut.

Illi skont kif jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 702 *et seq*. tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u skont kif jinsab ukoll pacifikatament ritenut fil-

gurisprudenza tal-Qrati taghna[1], in-nuqqas minghajr raguni valida tas-subent li jidher u jwiegeb ghall-kapitoli tas-subizzjoni - li del resto huma intizi biex jaghmlu prova tad-domanda attrici - jitqies bhala prezunta konfessjoni. Madanakollu, billi s-subizzjoni hija biss wahda mill-mezzi ta' prova ta' fatt li tista' tingieb in sostenn tat-talba attrici, huwa wkoll risaput[2] li din il-prova wahedha mhux necessarjament bizzejjed biex tissodisfa l-piz tal-prova inkombenti fuq l-attur ghas-success tal-pretensjoni tieghu. Jinghad ukoll illi l-gudikant m'huwiex marbut f'kull kaz bil-konfessjoni li tista' tirrizulta min-nuqqas li jitwiegbu l-kapitoli tas-subizzjoni, jekk din tikkuntrasta ma' provi ohrajn li jirrizultaw mill-atti processwali, u dan in omagg ghall-principju *actor non probante reus absolvitur*.

Kif inqtal in propositu mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **James Trapani et v. Vincent Cilia**[3], bin-nuqqas tal-konvenut li jwiegeb ghall-kapitoli, dawn "*… … … jitqiesu konfessati pero` dan ma jfissirx li l-Qorti kienet obbligata toqghod fuq dik il-prezunta ammissjoni. Dik il-prova kellha tigi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova ohra li sa dak l-istadju setghet kienet diga` prodotta quddiem il-Qorti.*"

Ikkunsidrat;

Ili fil-kaz odjern, is-subizzjoni tal-konvenut hija l-unika prova li tressqet mis-socjeta` attrici in sostenn tal-pretensjoni taghha u ma ngiebet ebda prova ohra ghajr ghall-prezunta konfessjoni naxxenti mill-kontumacja tal-konvenut imsejjah ghas-subizzjoni.

---

[1] Ara **Leonard Incorvaja vs Manwel Camilleri et** – deciza mil-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-4 ta' Gunju 2018.
[2] Ara in propositu **Tabib Dr Antonio Zammit et vs Francesco Pace et** – deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Gunju 1952.
[3] Cit. 2357/1996, deciza 28 ta' April 2000.

Illi l-pretensjoni tas-socjeta` attrici hija ghall-hlas ta' somma rapprezentanti nofs il-paga li kienet tkun dovuta lill-konvenut kieku baqa' fl-impieg tieghu sal-perijodu definit fil-kuntratt tas-servizz konkluz bejn il-partijiet fit-3 ta' Awwissu 2016 (Dok. A), u dan wara li l-istess konvenut fl-14 ta' Lulju 2017, ittermina l-impieg tieghu unilateralment u minghajr ebda raguni valida.

Fil-fehma tal-Qorti, f'dan il-kaz il-kapitolu ipprovokat il-konfessjoni tal-konvenut u hija prova sufficjenti tal-fatt illi l-istess konvenut telaq mill-impieg tieghu prematurament fid-data msemmija mis-socjeta` attrici, fl-14 ta' Lulju 2017, cioe` qabel iz-zmien specifikat fil-kuntratt ta' servizz.

Il-Qorti tqis ulterjorment illi l-fondament tal-pretensjoni tas-socjeta` attrici ghal nofs il-paga li l-konvenut kien ikun intitolat ghaliha kieku baqa' fl-impieg ghall-perijodu definit, huwa tajjeb. Fir-rigward, tosserva illi anke irrispettivament mill-valur probatorju tal-kapitoli ghas-subizzjoni f'dan ir-rigward, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 36(12) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta, impjegat li jitlaq mis-servizz tal-principal tieghu qabel iz-zmien definit fil-kuntratt tas-servizz, ghandu jhallas lill-principal tieghu somma li tkun daqs nofs il-paga kollha li ghaliha huwa kien ikollu jedd kieku huwa baqa' fis-servizz ghall-bqija taz-zmien hekk espressament miftiehem. Fil-kaz odjern, ma jirrizultax li l-operat ta' din id-dispozizzjoni legali gie eskluz fil-kuntratt ta' servizz *de quo* u ghalhekk din id-dispozizzjoni ghandha ssib applikazzjoni pjena biex tirregola r-relazzjoni bejn il-partijiet kontendenti.

Ikkunsidrat;

Illi t-talba tas-socjeta` attrici ghal nofs il-paga kollha li ghaliha l-konvenut kien ikollu jedd kieku huwa baqa' fis-servizz ghall-bqija taz-zmien miftiehem u cioe` sat-3 ta' Awwissu 2018, giet kwantifikata fir-rikors promotur fis-somma ta' hamest elef u mitejn Euro (€5,200). Hawnhekk jigi ribadit il-principju diga`

enuncjat iktar qabel, li l-Qorti m'hijiex obbligata li toqghod dejjem u f'kull kaz fuq il-konfessjoni prezunta kif provokata mill-kapitoli u, meta jezistu fl-atti provi kuntrastanti, tista' twarrab konfessjoni li mhijiex emnuta.

Applikat dan it-taghlim[4] ghall-kaz odjern, il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax illi s-somma mitluba mis-socjeta` attrici fir-rikors promotur ta' €5,200 bhala rapprezentanti nofs il-paga li kienet tkun dovuta lill-konvenut bejn l-14 ta' Lulju 2017 (li, kif gia` stabbilit gie ppruvat li hija d-data li fiha l-konvenut telaq mis-servizz) u t-3 ta' Awwissu 2018, ma hijiex sorretta la mill-atti processwali u lanqas mid-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta in materja ta' kumpens ghal temm ta' kuntratti ghal zmien specifikat, anzi jinsab kontradett mit-termini tal-kuntratt ta' servizz esebit mis-socjeta` attrici nnifisha mar-rikors promotur (Dok. A).

Mill-imsemmi kuntratt Dok. A, jirrizulta li l-paga annwali bazika tal-konvenut giet stabbilita fis-somma ta' €9,600, liema somma ma tinkludix dawk il-bonuses u inkrementi dovuti bil-ligi[5]. Dan ifisser illi fin-nuqqas ta' provi ohra, bejn l-14 ta' Lulju 2017 u t-3 ta' Awwissu 2018, il-konvenut kien ikun intitolat ghal paga bazika ta' €10,126[6] u kwindi, mill-atti jirrizulta illi s-somma dovuta minnu hija ta' €5,063 u mhux ta' €5,200 kif pretiz mis-socjeta` attrici.

Barra minn hekk, il-Qorti lanqas tista' twarrab id-dispozizzjonijiet tal-proviso tas-subinciz (12) tal-Artikolu 36 tal-Kapitolu 452, li jaghmilha car li fil-kalkolu tal-kumpens dovut ghal temm ta' kuntratt ta' servizz, ma ghandux jittiehed kont tal-paga ghal sahra, *bonus* u *allowances*.

---

[4] Ara in propositu **Noel Sultana vs Tony Xerri**, deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-7 ta' Lulju 2000.
[5] Ara klawsola 4.1 u 4.2 tal-kuntratt Dok. A.
[6] 385 gurnata.

Il-Qorti tqis illi f'dan il-kaz, il-konfessjoni prezunta tas-subent konvenut m'hijiex bizzejjed biex tissodisfa l-piz tal-prova inkombenti fuq is-socjeta` attrici biex turi f'hiex tikkonsisti d-diskrepanza ta' €137 minnha pretiza minghand il-konvenut meta dan mhux sorrett, anzi huwa kontradett mill-kuntratt tas-servizz esebit in atti. Konsegwentement, sejra tittempra l-ammont reklamat mis-socjeta` attrici ghas-somma ta' €5,063 ghaliex ma tistax tqis bhala gustifikata t-talba tas-socjeta` attrici ghall-hlas tas-somma kollha pretiza.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi din il-Qorti ssib illi t-talbiet tas-socjeta` attrici gew debitament ippruvati bis-subizzjoni tal-konvenut, izda in kwantu ghas-somma mitluba din giet ippruvata limitatament fis-somma ta' €5,063 u konsegwentement, it-talbiet attrici jimmeritaw li jigu akkolti fil-konfront tal-konvenut in kwantu ghal din is-somma hekk ridotta.

Ikkunsidrat ulterjorment;

In kwantu ghall-imghax, tal-Artikolu 1141(2) tal-Kodici Civili jistipola li dan ghandu jibda jiddekorri mid-data tal-ewwel interpellazzjoni ufficjali li saret lill-konvenut. Izda, f'dan il-kaz, billi ma gietx esebita l-interpellazzjoni ufficjali tad-9 ta' Marzu 2018 imsemmija fir-rikors promotur, il-Qorti tqis illi l-konvenut gie interpellat <u>ufficjalment</u> ghall-ewwel darba ghall-hlas tal-ammont mertu ta' din il-kawza bil-prezentata tar-rikors promotur, u certament mhux kif mitlub mis-socjeta` attrici cioe` mid-data ta' interpellazzjoni bonarja.

In kwantu ghat-talba ghall-hlas tal-ispejjez tal-ittri interpellatorji msemmija fir-rikors promotur, il-Qorti tosserva li billi lanqas gew esebiti l-ittri interpellatorji tat-30 ta' Novembru 2017 u tal-20 ta' Dicembru 2017, ma tistax tilqa' t-talba ghall-hlas tal-ispejjez relattivament ghal dawn l-interpellazzjonijiet.

Fir-rigward, il-Qorti hija tal-fehma illi l-prova li ssir permezz tal-kapitoli ghas-subizzjoni li jigu mistqarra, tghodd biss bhala prova in sostenn tat-talba principali, u ma tista' qatt tiswa in sostenn ta' talba ghall-hlas tal-imghax li mhux konformi mad-dettami tal-ligi, u lanqas bhala ammissjoni ghal talba ghall-hlas ta' spejjez li huma estranei ghall-kawza nnifisha. Il-Qorti tqis illi fir-rigward ta' spejjez li mhux parti mill-proceduri odjerni, ghandha tingieb prova ulterjuri in sostenn tat-talba biex dawn jigu aggudikati a favur l-attur.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici limitatament billi tikkundanna lill-konvenut STEFANO RIBERA jhallas lill-istess attrici s-somma ta' hamest elef u tlieta u sittin Euro (€5,063) rapprezentanti nofs il-paga kollha li kien ikollu l-jedd ghaliha li kieku baqa' fl-impieg tieghu mas-socjeta` attrici ghall-bqija taz-zmien espressament miftiehem fil-kuntratt li huwa ffirma mas-socjeta` attrici fit-3 ta' Awwissu 2016, u dan ghar-ragunijiet indikati fir-Rikors promotur, bl-imghax fuq l-imsemmija somma ta' €5,063 li jibda jiddekorri mid-data tal-prezentata tar-rikors promotur ossia mill-4 ta' Mejju 2018.

L-ispejjez ta' din il-kawza, izda mhux dawk l-ispejjez ulterjuri mitluba fir-Rikors promotur, ghandhom jigu sopportati wkoll mill-konvenut.

**Dr. Rachel Montebello**
**Magistrat**

**Annalise Spiteri**
**Deputat Registratur**